MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru. 1271/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**PAUL VASSALLO**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Paul Vassallo ta' 42 sena, iben, Francis u Maria nee' Gatt imwieled Zebbug Malta, nhar it-23 ta' Lulju 1965 u residenti 'Petit Fleur', Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 352465M.

Illi huma akkuzati talli nhar il-24 ta' Settembru 2007 ghal habta ta' 1500 hours gewwa ghalqa f'Attard.

1) Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-minuri, Omisses tifla ta’ sbatax-il sena tas-sess il-wiehed jew l-iehor;

2) Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkustanzi b’eghmil zieni, ikkorrompa lil istess minorenni;

3) Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-Awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Omisses kontra l-volonta’ taghhha u dan bhala mezz biex hi tigi mqiegha taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthijja tas-sess taghha.

4) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni Omisses

5) Kif ukoll fl-istess lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Omisses u l-familja taghha ai termini ta’ l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli dinil-Qorti tista ssib htija fl-imputat ( a fol 132);

Rat l-verbal tal-15 ta’Settembru 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti ( a fol133);

Rat in-nota ta’ sottominssjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-23 ta’ Novembru 2009;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza tat-12 ta' Frar 2010;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidat :

L-ufficcjal prosekutur Spettur Ramon Mercieca ezebixxa zewg stqarriji tal-imputat Paul Vassallo DOK RA 1 u 2, RA 1a ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, u DOK RM 3 *sketch* li wettqet Omisses,

Fl-ewwel stqarrija tieghu DOK RA1 l-imputat stqar li kien mizzewweg bi tlett itfal u jahdem bhala nurse, f'*Mount Carmel*, u li kellu xi ghalieqi li kien jahdem. Stqarr li kien jaf lil Omisses ghaliex kienet *cleaner* f'Mount Carmel u kien talabha, kontra pagament, titla' mieghu sal-ghelieqi, sabiex tahsillu tank kbir tal-ilma. Din ma kienitx l-ewwel darba li kienet telghet hemm ghaliex hi, u l-gharus taghha, kienu ghenuh jaqta' l-gheneb f'okkazzjoni precidenti. Meta ghadda ghaliha, l-imputat innota li hija kienet liebsa *jeans* u *top* skullat bir-ricipetto jidher u kien ikkommenta li kienu sejrin jahslu mhux ghal Paceville.

L-imputat stqarr illi l-ewwel haslu l-kamra. Hemhekk Omisses qaltlu illi kienet dahhlet tard bil-lejl u li xorbu hafna nbid. " Kien hemm l-inbid u hadet tazza" L-imputat jghid li Omisses qabbdet sigarett, hadet aktar inbid u spiccat iregettat kollox. Meta waslu hdejn id-dwieli Omisses nezghet il-*jeans* u libbset *boxer shorts* li taha l-imputat. Omisses nizzlet got-tank biex tibda tahsel.

**" Jien kont minn fuq u jien ghidtilha 'il-istra kemm inti sabiha''. Kienet tahsel u nitkellmu. Jiena ghidtilha ninsel nghinnek. Hi qajtli mhux inti taf. U jiena ghidtilha u jekk ma nitlghax. Hi qaltli mhux inti taf. Nehhejt il-qalziet u l-flokk u inzilt fit-tank hdejha. Umbghad missejtilha l-patata u sidirha insomma. Jiena staqsejtha jekk tridtx biex jkollna naqqsmu flimkien, u qaltli ahjar le ghax gharusa. Umbghad**

**ghidtilha mhux ahjar immorru lil hemm u hi qaltli imma ma lestejtux it-tank. Baqghet taghmel it-tank. Umbghad hin minnhom missejtha naqra kemm minn fuq il-hwejjeg u ukoll minn taht il-hwejjeg. Zammejtha hin minnhom fuqi, meta staqsejta jekk tridtx jew le u hi qajlti le ghax gharusa. Umbghad ghidtilha gerriehuli u ghamilitli hekk, jigifieri gerrithuli"**

Wara dan, Omisses kompliet tahsel it-tank, biddlet u marret fil-karozza, bdiet isaqsih fuq is-sewqan u riedet tqabbad il-karozza, imbghad l-imputat hadha lura id-dar.

L-imputat Vassallo jichad li kellu kongungiment karnali ma Omisses kontra ir-rieda taghha. Fit-tieni stqarrija RA 2, l-imputat stqarr illi huwa ma kienx fuq it-tank izda hdejn it-tank, Vassallo ddikjara li ddispjacih ghal dak illi ghamel izda haseb li Omisses kienet maggorenni. Paul Vassallo jibqa' jsostni illi qatt ma ppenetra lill Omisses. Paul Vassallo stqarr illi sakhemm sar t-tokkament ta' sidirha, il-warrani u sakemm nehhilha t-*top* u l-mess ta' sidirha b'halqu**, " hi qatt ma waqfitni."**

**"X'hin giet fuqi, wara li skusjat tlieta, resqet ftit lura imbaghad jien ghadilha x'misthijja, u ghedtilha ejja ha nmorru l'hemm, u qaltlil ha nlesti t-tank."** ( a fol6)

Omisses ( a fol 28 ) ta' sbatax – il sena, ikkonfermat li ghamlet rapport lill-Pulizija fl-24 ta' Settembru 2007, fuq l-imgieba tal-imputat li jahdem maghha f'Mount Carmel hospital bhala *nursing aid.* Omisses xhedet li xi zmien qabel l-24 ta' Settembru, hi u l-gharus taghha, Eric Attard kienu marru jghinu lill-imputat jaqta' l-gheneb fl'ghelieqi tieghu kontra hlas. Illi wara dan l-imputat talabha tghinu jahsel xi tank tal-ilma li kellu fl'ghalqa u ghalhekk wara ftehim, l-imputat gabar lill-Omisses minn Hal-Qormi.

Meta wasslu, l-imputat dahhalha go kamra li kien fiha siggu, pultruni u bdew jitkellmu, offrilha tazza inbid li jaghsar hu, rega sqieha tazza ohra nbid. Hija xorbitha bl-ghaggla, hassha hazin, irregettat u marret tintedd fuq sodda li kienet fil-kamra..

**“ Imbghad gie Pawlu hdejja u pprova jerdaghni u rrifjutajt ... fuq xoftejja”**( a fol 28)

Omisses xhedet illi wara li bdiet tahsel it-tank, l-imputat neza’ it-*3/4 jeans* tieghu u niezel ghal got-tank bil-qalziet ta’ taht li kien *boxer shorts*. Hemmhekk l-imputat beda jmissilha l-warrani, nizzilha banda wahda mil-*boxer shorts* u ghollielha t-*top* u l-bra. Omisses xhedet illi bdiet twaqqfu izda ma tax kasha. Omisses xhedet ( a fol 29) illi l-imputat, wara li nezzalha l-*boxer shorts* minn banda wahda, qabadha, **“tellaghni fuqu bil-qedgha u nsomma dahhlu hu”.**
Hija bdiet tipprova tqum minn fuqu izda kellha sieq wahda taht l-imputat, u bdiet tizloq ukoll minhabba l-‘ilma’. Meta rnexxielha tinqala minn fuqu, hija poggiet b’darha man-naha l-ohra tat-tank, u nfaqghet tibki. Hu qam bil-wieqfa,minn sidru l-fuq barra mill-apertura tat-tank, b’mod li hi ma setghetx tohrog. Hemmhekk:

**“ beda jtemmaghli il parti tieghu go halqi u jien irrifjutajt vuol diri, u qabadli jdejja biex ingerrihulu u jien bhal speci ma ghamilt xejn hu qabadli jdejja u tah tnejn u gabha ma’jdejja.”**

Hu hareg barra mit-tank gharwien huta u Omisses ghasret il-*boxer shorts* tieghu u ghaddietulu. Omisses xhedet li kompliet tahsel it-tank minn barra, imbghad pejpet sigarett u bdiet tistaqsi lill-imputat ghaliex ghamel dak li ghamel. Paul Vassallo stidinha tinzel sal-kamra **“ biex immorru niehdu wahda tajba gol-kamra”** ( a fol 30) u hi irrifjuta, dahhlet fil-vettura tieghu u ppruvat tistartjha izda il-magna ma qabditx. Staqsiha **“ mela ma suqx?”** u qaltlu li kella sbatax – il sena. L-imputat irrispondiha bid-dahka, li setghet dahhlitu l-habs.

Fil-triq l-imputat issugerixxa li jerga jdawwar il-karozza halli : **“ nergghu niehdu ohra tal-ahhar,”** u Omisses baqghet tirrifjuta. Huwa hallasha seba’ (7) Liri Maltin kif ftehmu. Omisses xhedet ( a fol 30) **illi l-ahhar kliem tal-imputat kienu stedina biex meta trid, iccempillu halli jkollhom x’jaqsmi flimkien.**

Omisses kkonfermat f 'RM 3 sketch illi hija ghamlet waqt li kienet d-*Depot*. Omisses xhedet illi l-apertura tat-tank kienet wiesgha ta' persuna w li l-imputat kien qieghed f'apertura b'mod li hija ma stghetx tohrog ( a fol 3 )

A fol 34 Omisses tispjega fid-dettal il-lotta mal-imputat, kif ppruvat tissara mieghu, u kif rnexxielha tinqala minn mieghu. (A fol 34) Omisses tafferma li l-imputat rnexxielu jippenetraha ghal xi ftit momenti ghaliex rnexxielha tinqala minn fuqu u poggiet mal-art fit-tank u bdiet tibki.

Mistoqsija jekk l-imputat talabiex biex tippartecipa f'sess orali, il-minuri irrispondiet:
**"Mhux talabni, l-ewwel qabadli rasi u beda jdeffisuli go halqi ipprova"** ( a fol 35).

In kontro ezami, Omisses xhedet iilli kienet ilha tohrog ma l-gharus taghha sitt xhur, affermat li kellha x'taqsam sesswalment mieghu u li kellha relazzjoni sesswali ma zewg guvintur ohra.

Omisses xhedet illi kellha l-ewwel esperjenza intima volontarja meta kellha bejn hmistax u sittax il- sena, izda meta kella tlettax – il sena kienet giet stuprata minn guvni ta xi tnejn u ghoxrin sena. Dan gara meta kienet sejra id-dar fil-festa tar-rahal. Dan il-guvni kien ghattielha halqha u kaxkarha l-isfel go rampa fejn kien hemm diversi garages u kien heddidha.

Omisses xhedet illi meta marret fl'ghalqa tal-imputat l-ewwel darba, kien hemm prezenti l-gharus, il-mara tal-imputat u tfal tieghu. Omisses xhedet illi kienet marret taghmel rapport l-ghada tal-incident wara li kienet tkellmet ma kollega fuq ix-xoghol certu Pawl li kien ex Pulizija. Dan kien taghha parir li tkellem lill-Pulizija u lill-gharus taghha. Omisses xhedet illi nfurmat ukoll id-*Deputy* fuq ix-xoghol li kien sar att sesswali fuqha li ma xtaqitx, **minghajr ma taghtu aktar dettalji**. Omisses xhedet illi l-imputat kien bilqgheda fit-tank meta gibidha fuqu u ippenetraha. Tichad illi l-imputat kellu problema ta' erezzjoni. L-uniku ftit mumenti illi l-imputat ma kellux erezzjoni kien meta hija nfexxiet tibki ( a fol 52). Omisses

xhedet illi fl-istqarrija taghha ma' l-Ispettur Aquilina, hija kienet qaltlu inizjalment li kienet nizzlet fit-tank bil-*jeans* u mhux bil-*boxer shorts*. Mitluba tghid ghaliex wara li l-imputat hareg gharwien mit-tank, hija ma hargitx tigri mit-tank, Omisses xhedet illi hija riedet taghtix cans jilbes il-*boxer shorts*, apparti li kellha issib il-*boxer shorts* li kien sellifha u l-qalziet ta' taht taghha fl-ilmijiet tat-tank. Meta harget il-barra mit-tant, Omisses pejjpet sigarett waqt li l-imputat rega' stiedinha tinzel sal-kamra, sabiex jergghu ikollhom x'jaqsmu flimkien.

Omisses kkonfermat (a fol 57) illi waqt li kienet qedgha tipprova tirrezisti fizikament lill-imputat u tipprova tqum minn fuqu, hija kienet qedgha tghidlu **" ieqaf, ieqaf x'int taghmel Pawl"**. Dawn il-kliem hija tenniethom **xi ghaxar darbiet**. ( a fol 58) Omisses gharfet lil-imputat.

Pierre Garzcia ( a fol 62 et seq) *Nursing Deputy* f'Mount Carmel, xhed illi kien gie nfurmat minn impjegat iehor, illi l-*Carer* Omisses kienet qedgha tibki f'kuritur tal-isptar u ghalhekk kien mar jara x'kien gralha. Omisses kienet qaltlu illi l-gurnata ta' qabel, ragel kien gieghla taghmel att sesswali li ma xtaqitx taghmel. Ghalhekk, wara li Omisses hadet id-decizzjoni li tkellem lill-Pulizija, Garzcia baghat *Carer* femminili u iehor maskili biex jakkompanjawha.

In kontro ezami Pierre Garzcia, xhed illi Omisses kienet semmiet illi dan l–att kien sehh f'sodda go kamra f'ghalqa.

Spettur Louise Calleja ( a fol 68 et seq) xhedet illi l-Ispettur Raymond Aquilina, kien talabha tkellem lill-Omisses. Dan ghamlithu fil-25 ta' Settembru 2007. Spettur Loiuse Calleja ikkorroborat fid-dettal ix-xhieda ta' Omisses pero b'mod aktar kronologiku. A fol 70 ,Spettur Calleja xhedet is-segwenti:

**"Nghid ukoll illi wara li tkellimt ma Omisses kien hemm mument ukoll meta jiena kien ghajjatli rega' Spettur Aquilina fl-officju tieghu u dak il-hin kien hemm l-imputat u l-mara tieghu. Niftakar jigifieri li qadt naqra mal-mara tieghu ghaliex kienet '*highly***

***disturbed'*** **u beda jibki u qal ,ammetta illi ghamel maghha, ma din it-tfajla ta' sbatax – il sena, umbghad bqajt naqra mal-mara tieghu... Kompla bl-investigazzjoni Spettur Raymond Aquilina."**

In kontro ezami Spettur Calleja xhedet li ma tiftakarx li Omisses qaltilha li kompliet tahsel it-tank wara li kien hareg l-imputat . Hija affermat li Omisses ma qaltiliex li qadghu ipejpu sigarett meta dahhlu fil-karozza.

WPS 209 Rachel Caruana ( a fol 81 et seq) ikkonfermat r-rapport li sar lil *Vice Squad* , kien min lehen maskili illi infurmaha li certu Omisses kienet sfat vittma ta' stupru. WPS 209 ikkonfermat li wara dan, hija kellmet lill-Omisses u idderigitha lejn l-Ghassa ta' Birkirkara. Wara dan Omisses waslet sa l-ufficju tal-*Vice Squad* u ittiehditilha l-isqarrija taghha. WPS 209 ikkonfermat ix-xhieda ta' Omisses, WPS 209 kompliet tiddiponi li tul l-istqarrija taghha Omisses kienet **" agitata u bdiet tibki wkoll"** ( vide a fol 85).

In kontro ezami WPS 209, ikkonfermat li ghall-ewwel, Omisses ma kienitx qalet li kienet bil-*boxer shorts* fit-tank. WPS 209 gharfet l-*sketch* ta' Omisses ( a fol 25)

PC 1299 Anthony Ebejer ( a fol 88) ikkonferma l-isqarrija tal-imputat.

Deputat Registratur Fleur Gauci ikkonfermat illi ix-xhieda tal-Ispettur Aquilina waqt il-prezentata, ittiehdet viva voce izda ma gietx registrata( vide a fol 90).

Agnes Edwards, *Care Worker,* f'*Mount Carmel Hospital* ( a fol 127 et seq) ikkonfermat illi kienet rat lill Omisses tibki waqt li din kienet qedgha titkellem ma Pawlu Sammut. Illi kien ghalhekk li Edwards kellmet lill Omisses, li minn naha taghha infurmatha illi kienet giet abbuzata sesswalment. Illi minn hemm Edwards akkompanjat lill Omisses s'ghand id-*Deputy* imbaghad sa l-Ghassa ta' Birkirkara.

L-imputat ( a fol 142 et seq) xhed li jahdem bhala *Deputy Nursing Officer* f'*Mount Carmel* ,*Male Ward* 3. Huwa

stqarr li Omisses kienet tahdem bhala *Maid* ma kuntrattur. L-imputat xhed illi huwa kien jitlob lin-nies tax-xoghol sabiex jghinuh jaqta' l-gheneb, Omisses thajjret u taghtu mobile number taghha. L-imputat cempel lill Omisses u din giet l-ghalqa akkompanjata mill-gharus taghha. L-imputat xhed illi **martu kienet gibditlu l-attenzjoni illi Omisses ma kienetx qedgha ggib ruha sew mal-guvni taghha u talbitu jmur iwaqqafhom**.

L-imputat jghid ukoll li Omisses talbiltu ikellem lis-supervisor tieghu sabiex hija tibda tahdem fil-ward tal-imputat. L-imputat jghid li Omisses kienet bdiet tinzel sal-*exit* tas-sala tieghu fil-*breaks*, u minn hemm bdew jitkellmu. Illi fil-fatt kien hawn, li l-imputat talab lill-Omisses tnaddaflu t-tank tal-ghalqa tieghu li kien jintuza biex ihallat il-bexx u l-*fertiliser*. A fol 144 l-imputat xhed illi sar il-ftehim, u meta ghadda ghaliha, induna li kienet **liebsa *top* skullat kwasi b'sidirha barra , " full make up u fwieha**." L-imputat jghid illi id-**diskors ta' Omisses fi triqthom lejn l-ghalqa "kien kollu relatatat mas-sess"** tant illi l-imputat **beda jiddejaq ghaliex "min jarak ma xi hadd liebes hekk ha jahseb hazin"** ( vide a fol 145)

L-imputat xhed illi meta waslu fil-kamra **kien hemm l-inbid miftuh**, offrielha tazza u accettat. Skond l-imputat, Omisses bdiet tirrakontalu l-esperjenzi intimi li kellha ma diversi guvintur waqt li **" jien bdejt inhossni mhux komdu xejn... X'titbaxxa hekk, nofs sidirha barra."** A fol 146 l-imputat ta' rakkont dettaljat tal-kliem vulgari li bih Omisses irrakontatlu l-esperjenzi sesswali taghha. L-imputat xhed illi waqt li kienet fil-kamra, Omisses hadet xi zewg tazez inbid, irregettat, hassha hazin, u marret tistrieh fuq is-sodda. L-imputat xhed li **mar hdejha u bisha fuq mohha.** (vide a fol 147)

L-imputat xhed illi huwa gabar xugaman, *boxer shorts*, flokk abjad, shampoo u kamoxxa, u li kif hargu mil-kamra, Omisses ipprovat tinza il-*jeans* fl-apert minkejja li kellha biss *tanga*, waqt li hu, zammha milli taghmel dan u qallilha biex tinza qalb id-dwieli. L-imputat jghid li ghen lill Omisses tinzel fit-tank u din bdiet tahsel it-tank waqt li hu nizel baqa' isfel. Huwa xhed illi hija bdiet issaqsih jekk it-

tindif kienx gej sew, u allura kellu jittawwal mill-appertura tat-tank u fil-pozizzjoni li kienet **" ovvjament tarha hekk baxxuta, totalment gharwiena qisha tigi, kollox kien jidher jigifieri."** (a fol 148)

**L-imputat xhed illi f'dan il-mument iddecida sabiex jghinha. L-imputat neza' il-*jeans,* il-flok, u baqa' bil-qalziet ta taht '*boxer shorts*'** ( vide a fol 149). Meta kien gewwa it-tank l-imputat beda immissilha darha, sidirha, imbutahha lejh, dahhal idejh minn taht il-hwejjeg u missilha sidirha. L-imputat jghid illi induna li il-*boxer shorts* taghha kien imnizzel ftit u x'hin ghafset il-parti taghha tlett darbiet ma tieghu, il-pene esposta tieghu kienet eretta, izda **meta niezel bil-forza** sabiex jippenetra, il-pene tieghu raqdet bil-biza'. Illi ghalhekk talabha timmasturbah u Omisses hekk ghamlet. L-imputat iddikjara illi talab lill Omisses ghas-sess orali.

L-imputat ta' rakkont ta kif u hu Omisses libbsu; kif pejpu is-sigarett, kif tkellmu fil-karozza u kif wassalha id-dar, u iddikjara li kien biss wara li Omisses bdiet tilghab bic-cwievet tal-karozza tieghu, li waqa' id-diskors fuq il-fatt li Omisses ma kellhiex licenzja tas-sewqan. B'hekk induna illi Omisses kienet ghadha m'ghalqitx it-tmintax il-sena. A fol 154 l-imputat jghid li quddiem l-Ispetturi Mercieca u Aquilina, Omisses qalet li l-imputat ippenetraha meta hu kellu il-parti genitali rieqda.

In kontro ezami **l-imputat xhed illi ma ipprovda ebda hwejjeg protettivi lill Omisses qabel ma din dahhlet fit-tank**, u dan ghaliex seta' kien hemm biss ftit residju tal-kimika. L-imputat baqa' jishaq illi huwa qat ma immagina li kien fizikament possibli ghalih li jinzel fit-tank ghaliex l-apertura tieghu kienet wahda zghira hafna. **L-imputat xhed illi huwa ma semmiex lill-Pulizija id-diskors spint illi qalet Omisses sakemm wasslu l-ghalqa; l-anqas li kellha nofs sidirha barra ghaliex ma hassux komdu jitkellem dan il-mod quddiem zewg Pulizija rgiel**. ( a fol 162)

L-imputat jkompli jghid illi huwa **qatt ma immagina** li kien ser jaqa' fit-tentazzjoni ghaliex **" meta giet l-ghalqa m'ghamlitx dawn il-kummiedji"** ( a fol 163).

L-imputat ( a fol 164) xhed illi haseb illi kien ser ikun ragel bizzejjed li jgheleb it-tentazzjoni waqt li a fol 165 jghid li **haseb li, jekk jirrifjuta li ikollu relazzjoni maghha, allura hi kienet ser tghajjru 'pufta'** ma shabu. A fol 166 l-imputat baqa' jishaq li ma kellhux erezzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi id-difiza fin-nota tas-sottomisjonijiet taghha ghamlet tentattiv ammirevoli sabiex tiddiskredita x-xhieda ta' Omisses u dan minhabba fatturi varji inkluz il-fatt tal-' bdil' fil-verzjoni li tat lill-Pulizija, fejn affermat illi hija nizzlet fit-tank bil-*jeans* u sussegwentement iddikjarat illi kienet nezghet il-*jeans* barra mit-tank u biddlet f'*boxer shorts* moghtija lilha mill-imputat waqt li kienet hdejn id-dwieli.

Id-difiza issollevat  ukoll l-inkonsistenza tal-verzjoni ta' Omisses kif moghtija lill-Paul Garzcia li afferma, ghal-kuntrarju ta' Omisses, li l-abbuz sar f'kamra f'ghalqa.

Din il-Qorti tibda biex tafferma li Omisses ma riedet taghti ebda sodissfazzjon lill-kollegi taghha fuq ix-xoghol, u li nformathom biss li kien sar att sesswali fuqha illi ma xtaqitx.  Infatti Garzcia deher dubbjuz hafna meta iddepona, u din il-Qorti hija mhassba li Garzcia seta' kiseb informazzjoni minn sorsi ohrajn.

Huwa minnu illi Omisses biddlet l-ewwel verzjoni dwar il-*jeans* u l-*boxer shorts* li hija tat lill-Pulizija.  Dan ifisser illi dak kollu illi xhedet din it-tfajla huwa inveritier?

Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha, sabet li l-inkonsistenzi grossolani, l-gideb u l-isfregju  tal-verita gejjien mill-imputat fil-kaz odjern.
Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet pero b'mod konkrett, l-imputat fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ried ipingi stampa ta' tfajla ixxellerata fi kliemha u f'ghemilha, tfajla li kienet attirata lejh tant li riedet tahdem fl-istess sala

tieghu, tfajla li prattikament stiednet ruha b'idejha fil-propjeta tieghu u isseducietu.  Haseb li kien ser ikun kapaci jirrezistiha pero waqa' ghat-tentazzjoni, kwazi kwazi sabiex Omisses ma tmurx tghid ma shabu li huwa ma kienx kapaci fid-dipartiment tas-sesswalita.

Din l-'verzjoni' li l-imputat bena mod l-aktar ampju fix-xhieda voluminuza tieghu, pero ma taqbel xejn mal-verzjoni li ta' fiz-zewg stqarrija tieghu, minkejja il-fatt illi l-imputat qatt m'ammetta illi sehhet il-penetrazzjoni .

L-imputat fl-isqarrija tieghu ma semma xejn dwar kif din it-tfajla allegatament xtaqet tahdem mieghu; kif kienet tfittex il-kumpanijja tieghu waqt il-breaks; kif stiednet ruhha b'idejha fl-okkazzjoni tal-gbir tal-gheneb.  Ghalkhemm jafferma illi kienet giet liebsa *top* skullat u *jeans*, l-imputat certament ma dahalx fid-dettal li ta' quddiem din il-Qorti, **dettal, li juri biss it-tqanqil  sesswali tieghu , mill mument li tefa' ghajnejh fuqha.** Bl-istess manjiera, din i-Qorti issibha difficli hafna biex tifhem il-hsieb inkoerenti tal-imputat, li f'nifs wiehed jipprova jipperswadi lill-Qorti bl-allegat diskors spint u vulgari ta' din it-tfajla, biex juri li tali tfajla kienet imdorrija fil-vizzju, waqt li jipretendii li din il-Qorti ghandha temmnu meta jghid illi qatt ma basar x'kien se jigri meta nizel fit-tank mal-minuri Omisses.  Anzi l-imputat jippretendi illi din il-Qorti ghandha tkun indulgenti mieghu u **testendilu il-kredibilita meta jafferma illi huwa prattikament nizel fit-tank ghaliex Omisses weggatlu 'l-*ego*' tieghu** , **u beda jibza' li Omisses tmur tghid ma shabu illi huwa 'pufta', jekk l-imputat ma jaghmel xejn maghha.**

Il-verita pero tohrog cara daqs il-kristal fid-diskrepanzi tal-verzjoni li l-imputat kif moghtija bejn l-ewwel u tieni stqarrija tieghu, u il-manjiera illi biha ipprova jistorta il-verita fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex fl-ewwel stqarrija l-imputat jghid illi:

1. Meta nizel fit-tank wara li mess lill-Omisses, huwa talabha sabiex ikollu x'jaqsam maghha u hi irifjutatu;

2. Rega messha minn fuq u minn taht il-hwejjeg u rega talabha, u Omisses regghet irrifjutatu( vide a fol 8 , l-ewwel stqarrija DOK RA 1);

3. “Zammejtha hin minnhom fuqi u meta staqsejtha jekk tridx jew le, hi qaltli le.... ” (Ibid a fol 8);

4. Pero fit-tieni stqarrija l-imputat jinnega l-ewwel zewg rifjuti u jallega illi kienet Omisses li “ skusjat tlieta mal-parti genitali tieghi” li raqdet fil-frattemp minhabba l-biza’ li kellu.

Fl-istess manjiera hemm inkonsistenza grossolana fil-verzjoni tal-imputat meta ipprova jiperswadi lil-Qorti li huwa qatt ma basar illi ser jkun irrifaccat b’agir overtament sesswali u provokattiv ghaliex Omisses qatt ma kienet ghamlet ‘kummiedji’ ( a fol 163) **meta fil-bidu tax-xhieda tieghu ta’ rakkont shih ta’ kif martu kienet talbitu irazzan lill-Omisses u lill-guvni taghha waqt li kienu ‘jikkumiedjaw’ fid-dwieli.**

Illi di piu m’huwiex vero simili illi ragel mizzewweg bit-tfal, illi jasal biex jaghmel it-tokkamenti fuq il-parti genitali, il-warrani u sider tat-tfajla, minkejja ir-rifjut taghha, **ser ibati minn misthija biex ilissen il- kliem ta’ natura sesswali li allegatament qaltlu Omisses ma’ zewg Spetturi maskili** tal-Pulizija.

L-anqas m’huwa verosimili id-dikjarazzjoni tal-imputat li qatt ma basar illi ser jigru dawn it-tentazzjonijiet sesswali meta l-imputat ghamel elogju fuq il-manjiera sfaccata ta’ l-ilbies tal-minuri Omisses, liema elogju juri l-ossessjoni sesswali li kellu fuqha.

Il-provi fil-kaz in ezami juru li l-imputat ghamel avvanzi sesswali fuq Omisses fil-kamra fl-ghalqa wara li sqiha kwantita kbira ta’ inbid, tant ili irregettat; ghamel tlett avvanzi ohra waqt li kien fit-tank; sehh ghal ftit mumenti l-istupru vjolenti; illi wara irnexxilha tinqala minn mieghu u bdiet tibki l-imputat ipprova jisforza l-pene tieghu f’halq Omisses u regghet irrifjutatu; imbaghad gieghlha timmasturbah b’idejha; rega’ ipprova ihajjarha ikkollhom

kongungiment karnali fil-kamra fl-ghalqa; u wara li dahhlu fil-karozza u beda jsuq, rega' ippropona iddawwar il-karozza halli jkollhom kongungiment karnali; wara li wassal lil Omisses id-dar, taha stedina infinita ( open invitation ) ghal relazzjonijiet sesswali fil-futur.

Ikkonsidrat:

L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 jirretieni:

**"Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."**

Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat:

**" The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts"**
( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194)

Ir-reat ta' stupru jissussisti :
**" upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient"** (Ibid).

Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-**Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003:**

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat."***

Johrog car mix-xhieda ta' Omisses illi l-imputat kiseb il-penetrazzjoni permezz tal-pene tieghu fil-parti genitali ta' Omisses meta huwa gibidha l-isfel fuqu u zammha f'dik il-

pozizzjoni minkejja l-isforzi taghha biex taharbu, fi kliemha stess
**"tallaghni fuqu bil-qedgha u nsomma dahhlu hu".** ( a fol 29)

Fil-kaz in ezami, dak li l-Qorti trid tezamina u tevalwa, huwa jekk kemm il-darba fil-mument illi sehh il-konkungiment karnali, kienx hemm il-mankanza tal-kunsens da parti ta' Omisses. Din il-Qorti hija tal-fehma illi **ir-rifjut ta' Omisses kien car u inekwivoku** u sar ghal-menu tlett darbiet bil-fomm **qabel** ma l-imputat iddecida illi ser jotjeni il-konkungiment karnali ma Omisses bis-sewwa jew bid-dnewwa. Apparti dan, Omisses xhedet fit-tul dwar kif ipprovat tirrezizti lill-imputat, kemm kien difficli sabiex tinqala minn mieghu minhabba iz-zlieq u il-lega tal-residwu fit-tank, kif ukoll minhabba is-sapun li kienet tefghet biex tahslu, u minhabba l-fatt illi l-imputat kien qieghed izomm sieq wahda ta' Omisses taht riglejh.

Illi b'referenza ghal dak illi gie indikat bhala ghemil inspjegabbli fl- sfond ta' stupru vjolenti u cioe, il-kontinwazzjoni da parti tal-minuri tal-hasil tat-tank, t-tipjip, u l-wasla bil-karozza tal-imputat sad-dar tal-minuri, din il-Qorti, li rat u esperjenzat mil-vicin, rakkonti simili ta' minuri, tfal u zaghazagh aflitti bl-istess tip ta' trawma sesswali, taghraf li tfal u zaghazagh hekk trawmatizzati ,jirreagixxu ***'in a cathatonic and robotic manner'*** u li din ir-reazzjoni hija **'a *defensive and coping mechanism'*.** Infatti dawn il-vittmi zghar jiehdu azzjonijiet **li huma inspjegabbli** (ghal adulti) fi zmien immedjat u sussegwenti ghal tali trawwma.

Il-Qorti fil fatt hi tal-fehma illi l-agir tal-minuri in seqwitu ta' l-istupru jaqa' perfettament fil-parametri ta' dawn il-mekkanizmi difensivi.

Din il-Qorti ma tistax tonqos milli tikonsidra dak illi gie sollevat mid-difiza, ghar-rigward tal-kwerela tal-parti privata, fil-konfront tal proceduri odjerni. (vide l-ahhar zewg pagni tas-sottomissjonijiet tad-difiza).

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa dak sollevat, l-istess Qorti ma tista' bl-ebda mod tokkolji dak ritenut mid-difiza. Dan qieghed jinghad ghaliex,minkejja li l-Artikolu 542 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti elenku tal-persuni li jistghu jintavolaw kwerela, huwa evidenti illi dan l-Artikolu huwa fakoltattiv biss ( ergo il-kelma 'jistghu') u dan l-Artikolu b'ebda mod ma jista jigi interpretat li jeskludi il-possibilita li tfajla ta sbatax –il sena taghmel rapport lill-Pulizija fuq stupru vjolenti. Apparti dan kollu, u skond l-Artikolu 543 tal Kap 9, meta ir-reat bhal dak ta' stupru vjolenti ikun akkompanjat minn reat iehor li jolqot l-ordni pubblika, l-azzjoni kriminali titmexxa independentement mill-azzjoni tal-parti privata . Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi jigi ritenut aktar l-isfel meta l-Qorti titratta il-hames akkuza, cioe l-offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku.

Illi ghal dawn il-mottivi, il-Qorti issib li l-ewwel akkuza kontra l-imputat hija pprovati li l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal-rigward tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u cioe dik ta' korruzzjoni ta' minorenni ai termini ta'l-Artiklu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

***203 (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:***

***Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) Omisses***
***(b) jekk id-*****delitt** ***isir b'theddid jew b'qerq;***
***(c) Omisses***

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tat hafna pronunzjamenti dwar dak illi huwa "atti di libidini" jew

“lewd acts”, illi pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali fil-kaz Pulizija vs Wiffen hija dik l-aktar saljenti.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta’ Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano kkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"***
***(Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe’, it-tokkament ta’ sider u l-mess tal-partijiet genitali tal-istess minuri u b’mod specjali il-konkungiment karnali , jikkostitwixxu ampjament, dak illi l-Ligi u l-gurisprudenza fuq indikata, tikkategorizza bhala ‘lewd acts’ jew ‘atti di libidini’.

Illi l-istess sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tghaddi biex tezamina mbaghad l-element ta’ korruzzjoni attwali tal-istess minuri u tghid is-segwenti:

***‘As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases –***

***taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk kemm-il darba l-atti prattikati fuq minuri ta sbatax –il sena, attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza wkoll ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;**

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Illi di piu' fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-**Qorti tal-Appell Kriminali** qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta'***

***sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti ghandha quddiema tifla ta' sbatax –il sena , illi diga ghaddiet minn esperjenza sesswali qarsa, kif ukoll avventuri sesswali volontieri qabel ma sehh l-istupru vjolenti da parti ta' l-imputat. Illi il-Qrati Maltin qatt ma abbraccaw it-teorija ta' ***corrupta non corrumpitur*** il ghaliex kif jinghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza il-Pulizija versus Gianni Schembri deciza fil-hdax t'Ottubru 1948:

**Meta minorenni ikun gie moghti ghall-vizzju, jista' cio' nonostanti jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. <u>Ghaliex hadd ma ghandu l-jedd ikompli jispingi fuq it-triq tal-vizzju lil min forsi jista' jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu.</u>**

Kieku kien altru ,prostituta titlef kull protezzjoni li il-Ligi takkorda lill kull cittadin.

Ghandu jinghad pero illi il-fatt li l-minuri ikun safa' vittma ta' korruzzjoni sesswali precedenti jista', f'certi kazi jigi kkonsidrat meta l-Qorti tasal biex tapporzjoni l-piena adatta. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Saviour Camilleri** moghtija fl-14 ta' Frar 2008:

**"Issa ghalkemm il-Qrati taghna saggjament ma jaccettawx id-difiza bazata fuq *corrupta non corrumpitur* u l-korruzzjoni precedenti tal-minuri ma hix ta' ostakolu ghall-kommissjoni ta' dar-reat, il-fatt li l-vittma tkun gja` giet esposta ghall-attivita` sesswali, jista' f'certi kazi jitqies ghall-fini tal-piena."**

Ara wkoll sentenza Qorti Apell Krim. **Il-Pulizija vs Fava Emanuel** fid-29 ta' Settembru 2010.

Illi l-prosekuzzjoni rrnexxila tipprova, permezz tac-certifikati tat-twelid ta’ Omisses illi fid-data tar-reat indikat fl’akkuza hija kellha sbatax –il sena. Illi di piu il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova illi l-att libidinuz gie komess b’ qerq ta’ l-imputat meta dan hajjar lill Omisses titla fl-ghelieqi, propjeta tieghu, bil-pretest illi hija ser tahdimlu xoghol ta’ tindif kontra hlas.

Illi ghal-rigward tat-tielet akkuza, u cioe l-akkuza ta’ sekwestru illegali ai termini ta’ l-Artikoli 86 u 87 tal –Kap 9 din il-Qorti ma tarax li , in vista tas-sejbin tal-htija ghar-reat ta’ stupru vjolenti, tista’ issib htija ukoll ta’ l-imputat ghal din l-akkuza. Infatti skond l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta’ Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta’ persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta’ stupru, korruzzjoni ta’ minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija fuq reat ta’ sekwestru ma tistax treggi ukoll fil-konfront ta’ imputat:

***“Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba’ Kapi jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’hafna kazi l-att sesswali f’certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru***

***minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

Illi fil-kaz in ezami il-Qorti m'ghandha ebda tracca ta' prova li l-imputat ipprova isakkar lill minuri go xi kamra, jew li rabatha bl-intenzjoni illi hija tkun kostretta, iccedi ghal volji libidinuzi tieghu, izda it-trazzin ta' Omisses, da parti ta' l-imputat, kien purament mezz ghal-fini tar-reat ta' stupru vjolenti.

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat ma tissussistix.

Illi isegwi bl-istess ragunament, li in vista tas-sejbin tal-htija tal-ewwel akkuza u cioe dik ta' stupru vjolenti, din il-Qorti ma tistax issib ukoll, il-htija tal-imputat fl-akkuza ta' l-attentat vjolenti ghall-pudur ai termini ta' l-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi pero ghal rigward tal-hames akkuza u cioe, l-offiza ghall-pudur jew ghall-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew li jsir f'lok espost ghall-pubbliku, din il-Qorti taghraf illi l-istupru vjolenti sehh f'tank fil-berah u qalb l-ghelieqi, tank li kellu l-apertura tieghu miftuha f'kull hin. Ghalhekk dan l-att mistmerr sar f'post espost ghall pubbliku ai termini tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil fatt **Pulizija vs. Kelinu Mifsud**, deciza mill-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1955 per Judge Harding gie ritenut:

***"Meta l-atti ta' korruzzjoni ta' minuri jsiru f'post pubbliku, hemm l-element ta' pubblicita' li jirrendi inesperattiva r-rinunzja ghall-kwerela."***

Fis-Sentenza **Pulizija vs. Gerald Buttigieg** deciza mill-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar 1955 per Judge Harding gie ppronunzjat s-segwenti:

***"Dar mhix post pubbliku, la mix-xorta taghha u lanqas minhabba destinazzjoni. U jekk jithalla bieb ta' barra miftuh, d-dar lanqas tista' titqies post pubbliku b'accidentalita' … Kieku minn xi apertura ezistenti fid-dar xi hadd mill-pubbliku seta' jara facilment dak li kien qieghed isir ghad-dar, allura forsi wiehed kien talvolta jista' jikkontempla soluzzjoni fis-sens li d-dar saret post pubbliku b'accidentalita', salv konsiderazzjonijiet ohra; imma fl-assenza ta' din il-possibilita' d-dar tibqa' post mhux pubbliku. U jekk f'kaz simili, tigi prodotta rinunzja ghall-kwerela, ma tirrikorrix ebda wahda mic-cirkostanzi li skont il-ligi, jirrendi dan ir-reat persekwibbli "ex officio", ma jkunx hemm aktar lok ghall-prosekuzzjoni tar-reat."***

Infatti fis-Sentenza **Il-Pulizija vs. Toni Bezzina**, deciz mill-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1952, per Judge Harding:

"***Ir-rinuzja ghall-kwerela f'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni ma tippermix l-azzjoni, <u>meta l-attijiet ta' korruzzjoni jkunu saru f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku; ghax f'dan il-kaz ir-reat ikun prosekwibbli "ex officio</u>.""***

Di piu`, fil-kaz **Il-Maesta tar-Regina vs. Mikiel Azzopardi** deciz fl-20 ta' Ottubru 1953 mill-Appell Kriminali gie a tenut:

***"Jekk fuq akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni bhala kommessa f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, il-gurati jaghtu verdett ta' pieta' minghajr il-kwalifika tal-post pubbliku, r-reat ikun procedibbli bi kwerela tal-parti offiza li hija rinunzjabbli. Ghalhekk . . . . . dik ir-rinunzja atteza l-inesistenza tac-cirskostanza ta' post pubbliku jew espot ghall-pubbliku, . . . . iggib l-improcedibilita' tal-azzjoni . . . ."***

Illi ghaldaqstant mil-provi prodotti mil-prosekuzzjoni jirrizulta ampjament illi l-istupru vjolenti tal-minuri Omisses twettaq mil-imputat f'post pubbliku il ghaliex sar , f' tank qalb l-ghelieqi, liema tank kien miftuh u ghaldaqstant accessibli ghall-pubbliku u ic-cirkustanza 'ta' lok pubbliku' jirrendi l-kaz prosekwibbli **ex officio**.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel u tieni u l-hames akkuza, mhux hati tat-tielet u raba' akkuza li minnhom tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 17, 198, 203(1)(b), 209, 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-erba' (4) snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta' f'arrest preventiv.

Illi in oltre il-Qorti tordna il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur il-minuri Omisses u kontra l-imputat ghall-perjodu ta'tlett snin bil-kondizzjoni li l-imputat ma jkellilmx , ma javvicinax u ma jimmolestax lill imsemmija minuri, u dan wara li qieset il-konsiderazzjoni elenkati fis-subinciz (4) ta' l-istess Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-Fedina Penali nadifa ta' l-imputat, l-eta tal-minuri, l-gravita tac-cirkostanzi tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------